**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 283/2009**

**Illum, 27 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Shaunvic Felice**
**(ID 12990(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Shaunvic Felice, ta' 18-il sena, bin missier mhux magħruf u Antoinette Camilleri, imwieled il-Pieta` nhar il-11 ta' Diċembru 1989, residenti Flat 7, Blk XIII Pjazza Mons P. P. Psaila, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` 12990(M);

Billi huwa akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-2 ta' Diċembru 2008, kif ukoll fix-xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1. Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metro mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża skont l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano LLD nhar il-21 ta' Novembru 2007, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semgħet trattazzjoni finali ulterjuri tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Diċembru 2008, il-Pulizija tal-Għassa ta' Ħal Qormi ġew infurmati minn membri tal-Iskwadra tal-*Mobile* illi kienu għadhom kemm waqqfu sitt żgħażagħ fil-ġnien ta' Vjal De La Cruz f'Ħal Qormi u illi meta għamlu tfittxija fil-viċinanzi ta' dawn iż-żgħażagħ, ġew innutati żewġ pakketti tas-sigaretti li kien fihom sustanza kannella suspettata raża tal-cannabis. L-istess żgħażagħ ġew arrestati u investigati mill-Ispettur Jesmond J. Borg. Wieħed minn dawn iż-żgħażagħ kien l-imputat

odjern li rrilaxxja stqarrija dakinhar stess tat-2 ta' Diċembru 2008, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[1] Żagħżugħ ieħor li ġie arrestat kien Jurgen Cauchi li wkoll irrilaxxja stqarrija nhar it-2 ta' Diċembru 2008, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fl-istess jum.[2] F'din l-istqarrija, Cauchi indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li kien provdih bir-raża tal-cannabis li kellu fil-pussess tiegħu fl-istess jum, liema raża huwa kien xtraha mingħand l-istess imputat is-Sibt ta' qabel (u ċioe` tliet ijiem qabel, fid-29 ta' Novembru 2008), bil-prezz ta' €25.[3]

Matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Borg esebixxa wieħed mill-pakketti misjuba fuq il-post ossia l-pakkett tas-sigaretti L&M bis-sustanza misjuba fih.

Da parti tiegħu, PS 372 Jurgen Vella jgħid illi fil-jum in kwistjoni, għall-ħabta tal-11.20 a.m. ġie infurmat mill-*Control Room* li kien hemm żewġ vetturi tal-*mobile squad*, li kienu sabu xi persuni fil-pussess tad-droga fi Triq Vjal de la Cruz, Qormi. Huwa mar fuq il-post u hemmhekk sab sitt żgħażagħ, fosthom lill-imputat odjern. Ix-xhud jgħid illi l-pulizija preżenti wrewh żewġ pakketti tas-sigaretti li kien fihom xi raża tal-cannabis. Huwa eleva dawn l-oġġetti u ħadu lill-imsemmija persuni ġewwa l-Għassa tal-Ħal Qormi. Jgħid ukoll illi tfittxija fuq il-persuna tagħhom irriżultat fin-negattiv.[4]

PC 729 Kevin Decelis xehed illi fit-2 ta' Diċembru 2008, għall-ħabta tal-11.20 a.m., kienu qegħdin jagħmlu ronda ġewwa Vjal De La Cruz, Ħal Qormi meta raw sitt żgħażagħ li donnhom inħasdu x'ħin raw lill-pulizija. Jgħid illi waqfu, taw ħarsa mad-dawra tagħhom u sabu "*xi pakkett b'xi affarijiet fih*".[5] Kellmu lil dawn iż-żgħażagħ, għamlulhom tfittxija u taw ħarsa mad-dawra u sabu pakkett ieħor. Jgħid illi ċemplu lill-pulizija tad-Distrett sabiex jassistuhom u min hemm komplew il-pulizija tad-Distrett. Jgħid ukoll illi fost dawn iż-żgħażagħ, kien hemm l-imputat odjern, Shannon, Karl, Gilbert u Jurgen.[6]

PC 626 Giancarlo Bennetti jixhed illi fil-jum u l-ħin in kwistjoni, kienu qed jagħmlu ronda fi Vjal De La Cruz, Ħal Qormi u nnutaw madwar sitt żgħażagħ li qajjmulhom suspett. Jgħid illi kien hemm vettura Isuzu Gemini li kienet tappartjeni lil ċertu Pierre u ddeċidew li jagħmlu tfittxija kemm fil-vettura, kif

---

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 21 sa 23 tal-proċess.
[2] Ara l-proċess verbal esebit a fol. 10 tal-proċess.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, a fol. 16 sa 20 tal-proċess.
[4] A fol. 29 u 30 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 35 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 35 sa 37 tal-proċess.

ukoll fuq il-persuna ta' dawn iż-żgħażagħ. Dawn it-tfittxijiet irriżultaw fin-negattiv. Jgħid ukoll illi fuq ċint, PC 729 lemaħ pakkett sigaretti tat-tip L&M, li kien fih xi sustanza suspettuża. Skont ix-xhud, sadanittant waslet vettura oħra tal-*mobile* biex tassistihom stante illi b'kollox kien hemm sitt żgħażagħ – tlieta fuq naħa u tlieta fuq naħa oħra. PC 265 u PC 869, li kienu għadhom kif waslu fuq il-post, għamlu tfittxija fuq it-tliet persuni l-oħrajn, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv, iżda waqt li kienu qed ifittxu fl-akkwati, fil-ħaxix, lemħu pakkett tas-sigaretti – Rothmans jekk ma kienx sejjer żball – u fih kien hemm xi sustanzi. Huma nfurmaw lill-Pulizija tal-Għassa u fil-fatt mar PS 372 fuq il-post. Ix-xhud għaraf lill-imputat bħala wieħed minn dawk preżenti.

Fir-relazzjoni tiegħu, ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza esebita mill-Ispettur Borg bħala Dok. JB1 fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2010, ingħata dokument wieħed għall-analiżi tiegħu u ċioe` *envelope* kannella li fih: i) *envelope* immarkat Dok JB 3 €15 u ii) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 02-12-08 Hin 12:00 noon Elevat/i minn PC 729 K. Decelis PC 626 Beretti fil-preżenza ta' Shaunvic Felice ID 12990M minn għalqa bil-ħaxix u pakkett tas-sigaretti "L&M" li fih 4 sigaretti u sustanza ta' lewn kannella.

Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda illi fl-estratt meħud mis-sustanza ta' lewn kannella nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tiġi mill-pjanta tal-cannabis. Il-piż total tas-sustanza kien ta' 5.77 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 10%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif ingħad iżjed 'il fuq, Jurgen Cauchi ossia wieħed miż-żgħażagħ li ġie arrestat flimkien mal-imputat odjern fil-jum in kwistjoni, irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, liema stqarrija huwa kkonfermaha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u sussegwentement xehed ukoll f'dawn il-proċeduri.

F'din l-istqarrija u b'referenza għal dak li seħħ qabel l-arrest tiegħu, huwa qal illi dakinhar fis-sagħtejn kellu jkun ix-xogħol u għalhekk ħareġ mid-dar qabel sabiex imur jixtri l-ħobż. Bagħat messaġġ lil ċertu Gilbert sabiex jara fejn qiegħed biex imur ħdejh qabel jixtri l-ħobż u dan qallu sabiex jinżel il-ġnien. X'ħin kien għaddej minn ħdejn il-bandli De La Cruz, iltaqa' ma' Shalon u Karl u waqaf ikellimhom. Faċċata tagħhom kien hemm karozza Isuzu Gemini, li fiha kien hemm Pierre riekeb fuq quddiem bħala xufier, Gilbert kien riekeb quddiem bħala passiġġier u Shaun kien ser jirkeb fuq wara. Sema' ħoss u nduna li Shaun kien

weġġa' saqajh mal-bieba. Jgħid illi hekk kif dawn kienu ser jitilqu, ġew il-pulizija fuq il-post u żammewhom kollha, inkluż lilu. Ħaseb li lilhom ossia lilu u lil dawk li kien qiegħed magħhom ma kienux ser ikellmuhom, iżda baqgħu hemm u wara xi kwarta, il-pulizija marru fuqhom ukoll. Tfittxija fuq il-persuna tagħhom irriżultat fin-negattiv, iżda l-pulizija sabu pakkett tas-sigaretti fil-ħaxix u staqsew ta' min kien. Għall-ewwel qalu li ma kienx tagħhom, imma wara li ġew arrestati u ttieħdu l-Għassa, huwa qal lis-Surġent li l-pakkett tar-Rothmans aħmar kien tiegħu. Jgħid illi ma jafx ta' min kien il-pakkett l-ieħor. Jispjega illi hekk kif ra lill-pulizija jaslu ħdejhom, tefa' l-pakkett warajh fil-ħaxix. Skont hu, il-pakkett kien fih lubretti, *joint* u biċċa raża tal-cannabis. Jgħid illi huwa kien ilu jabbuża mir-raża madwar tliet snin. Meta ġie ssuġġerit lilu illi huwa kien qiegħed ma' sħabu sabiex ipejjpu l-*joints*, huwa jgħid li ma kienx jaf hux ser iqabbdu jew le, iżda ma riedx iqabbdu għax kien fadallu sabiex jaqbad il-paga u ma kellux flus biex jixtri aktar. Jgħid ukoll illi lil sħabu qatt ma offrielhom mill-cannabis tiegħu.

Skont ix-xhud, huwa xtara l-biċċa raża li nstabet fil-pussess tiegħu nhar is-Sibt filgħodu. Xtara bi €25 raża mingħand Shaun li ġie arrestat miegħu dakinhar u li kien fil-vettura. Jgħid illi huwa ċempillu u ltaqgħu Ħal Qormi u dan qdieh. Jgħid ukoll illi xtara mingħand Shaun darb'oħra wkoll. Jgħid illi jixtri b'€25 raża kull ħmistax, iżda ma xtaqx isemmi mingħand min kien jixtri aktar. Jikkonferma illi l-pakkett Rothmans aħmar, bil-pakkett tar-Riżla, *joint* u biċċa raża murija lilu kien tiegħu u li kien jaf li dik hija cannabis.[7]

Quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, dwar dan l-akkwist, ix-xhud jgħid hekk:

"*Jien nikkonferma li malli rajt lil Pulizija jaslu hdejna tfajt il-pakkett tar-Rothmans l-ahmar warajja gol-haxix. U nikkonferma dak li ghidt lil Ispettur illi fil-pakkett tas-sigaretti jiena kelli joints u bicca raza tal-Cannabis. Nghid illi jien cannabis ili niehu xi tliet snin mindu miet missieri. Jien ma kontx naf hux ser inqabdu xi joint meta jiena mort niltaqa ma shabi. Lanqas li kieku. Pero` ma ridtx inqabdu ghax ghad baqghali sa kemm naqbad il-paga u m'ghandiex flus sabiex nixtri aktar … L-ahhar li xtrajt kien is-Sibt filghodu u hallast hamsa u ghoxrin euro. Jiena xtrajtha minghand Shaun, l-istess persuna li gie arrestat mieghi llum u li kien fil-karozza kif spjegajt aktar qabel. Jiena kont miftiehem biex nixtri minghand Shaun. Kont incempillu u niltaqghu x'imkien barra. Qatt id-dar tieghu jew tieghi. L-ahhar darba li ltqajt mieghu biex nixtri ltqajt mieghu Hal-Qormi. Nghid illi minghand Shaun xtrajt darbtejn b'kollox. Jiena kull darba li nixtri nhallas hamsa u ghoxrin Euro. Lanqas issa ma nixtieq insemmi minghand min xtrajt qabel*

[7] Ara din l-istqarrija a fol. 8 sa 10 tal-proċess.

*Shaun. Nikkonferma illi jiena apparti mill-Cannabis ma nabbuza mill-ebda tip ta' droga ohra.*

*… Nixtieq inzid ukoll apparti dak li hemm miktub fl-istqarrija fil-presenza tieghi, l-Ispettur wizen ir-rezina tal-Cannabis u fil-presenza tieghu gie konstatat li kien fiha punt disa grammi.*"[8]

Fix-xhieda tiegħu matul dawn il-proċeduri fil-5 ta' Marzu 2010, l-istess Jurgen Cauchi reġa' xehed illi l-cannabis li kienet fil-pussess tiegħu nhar it-2 ta' Diċembru 2008 ġewwa Ħal-Qormi ġabha mingħand Shaun ossia l-imputat odjern, u li tagħha kien ħallas xi €25. Jgħid illi din kienet okkażjoni ta' darba.[9]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat talli biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

Kif ingħad iżjed 'il fuq, Jurgen Cauchi xehed illi s-Sibt ta' qabel l-arrest tiegħu, huwa kien akkwista r-raża li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand l-imputat odjern u dan bil-prezz ta' €25.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, id-difiża tgħid hekk: "*Kemm mill-istqarrija li ghamel Jurgen Cauchi u kemm minn dak illi Shaunvic Felice qal lil Pulizija s-sitwazzjoni kienet illi erba' zaghzagh fosthom Jurgen Cauchi u Shaunvic Felice kienu marru jixtru flimkien minn Haz Zebbug r-raza kannabis u kien hargu bejniethom l-ammont ta' mitt ewro (€100). Dina bdiet tqassam u Jurgen Cauchi ha sehemu, Shaunvic Felice ha sehemu wkoll u l-ohrajn kuntrarjament ghal dak li ntqal fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, kienu diga` lahqu hadu dak li kien taghhom. Tant hu hekk illi l-Pulizija gabret biss minghand Jurgen Cauchi u minghand Shaunvic Felice nofs dak illi kien inxtara.*[10] *Din hija l-verita` assoluta ta' dak li gara u ma garax*".[11]

Tkompli hekk id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha: "*Illi f'din il-kawza jinkwadra definittivament l-aspett illi l-erba' zghazagh kienu kkollaboraw flimkien biex jixtru flimkien. Jaqsmu, kulhadd jiehu s-sehem tieghu u ghalhekk kellhom kull wiehed minnhom responsabilita` individwali ta' dak li xtraw.*

[8] Ara a fol. 12 tal-proċess verbal.
[9] Ara a fol. 11 sa 15 tal-proċess.
[10] Dwar dan il-Qorti tirrileva illi kemm kien inxtara b'kollox ma jirriżulta minn imkien.
[11] Ara a fol. 63 tal-proċess.

*Tant hu hekk illi meta l-Pulizija marru jfittxu dik ta' Jurgen Cauchi sabuwha il boghod minghajr kaxxa filwaqt li fil-kaxxa tas-sigaretti sabu dik ta' Shaunvic Felice.*[12] *Dana iktar jikkumbacja ma' komplicita` fl-akkwist tar-raza milli xi hadd kien qieghed ibiegh u jispacca lil haddiehor.*

*Illi in sub ordine ghandu jinghad ukoll illi hemm l-elementi kollha ta' sharing u dan ix-xharing issa huwa kemm fl-akkwist u kemm fil-pussess. ...*

*Ir-rwol ta' Shaunvic Felice ma kienx dak li hu biegh lill-ohrajn imma hu kien kompartecipi fix-xirja flimkien ma' l-ohrajn ghalhekk ir-reat ta' spacc ma jezistix ghaliex ma jikkonfigurax l-ebda wahda mill-ipotezijiet tal-Ligi illi jiddefinixxi x'inhuwa spacc".*[13]

Jibda biex jingħad illi imkien fix-xhieda tiegħu Jurgen Cauchi ma qal dak li tgħid id-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha, iżda sempliċiment illi l-imputat odjern kien provdieh bir-raża li nstabet fil-pussess tiegħu tliet ijiem qabel l-arrest tagħhom.

Dwar dak li d-difiża tgħid illi qal Shaunvic Felice fl-istqarrija minnu rrilaxxjata lill-pulizija, il-Qorti tibda billi tirrileva illi din l-istqarrija ġiet hekk rilaxxjata fit-2 ta' Diċembru 2008 u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, iżda mhux il-jedd illi jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u wisq inqas il-jedd li jkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħu waqt l-istess interrogatorju. Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tagħna, inkluż il-Qorti Kostituzzjonali, tali stqarrija m'hijiex ammissibbli bħala prova. Effettivament, għalkemm id-difiża qegħda tipprova tuża l-istess stqarrija favur l-imputat u dan billi tgħid illi ż-żgħażagħ kienu ftehmu bejniethom biex jixtru d-droga u li dawn kienu għalhekk ilkoll komparteċipi fix-xiri tagħha bir-riżultat illi l-imputat ma jistax jinstab ħati talli spaċċa r-raża tal-cannabis hekk akkwistata, l-istess stqarrija kienet ukoll ta' preġudizzju għall-istess imputat għaliex apparti l-kunsiderazzjonijiet li ser tagħmel il-Qorti iżjed 'l isfel dwar dak sostnut mid-difiża, fiha l-imputat ammetta illi r-raża tal-cannabis li nstabet fil-pakkett tas-sigaretti L&M kienet tiegħu, prova din illi la darba skartata l-istqarrija ma tirriżulta minn imkien mill-bqija tal-provi prodotti. Kien proprju għal din ir-raġuni illi l-imputat ġie akkużat ukoll bil-pussess aggravat tar-raża tal-cannabis, apparti illi ammetta wkoll fl-istess stqarrija illi din kienet għal sħabu wkoll, u li skont hu, ħlief għal Jurgen, kienu għadhom ma ħadux sehemhom minnha u dan kuntrarjament għal dak li tgħid id-difiża fis-

[12] Anke dwar dan il-Qorti tirrileva illi d-difiża m'hijiex korretta għaliex mill-provi jirriżulta illi nstabu żewġ pakketti tas-sigaretti – wieħed Rothmans aħmar u ieħor L&M – u illi f'kull pakkett instabet biċċa raża tal-cannabis; fir-Rothmans aħmar instabet biċċa ta' ċirka 0.9 grammi u f'L&M, biċċa ta' 5.77 grammi.
[13] A fol. 63A tal-proċess.

sottomissjonijiet tagħha. Il-Qorti tinnota illi salv għal dak li jgħid l-imputat fl-istqarrija tiegħu, lanqas tirriżulta prova fl-atti illi l-pakkett tas-sigaretti L&M kontenenti biċċa raża tal-cannabis f'piż ta' 5.77 grammi kien fil-pussess tal-imputat odjern għaliex ħadd mill-pulizija li xehdu ma jgħid illi ra dan il-pakkett f'idejn l-imputat odjern jew illi rah jarmih jew illi kien proprju ħdejh, meta wieħed iqis ukoll imbagħad illi kien hemm tliet ġuvintur fil-vettura in kwistjoni jew fil-viċinanzi tal-imputat.

Il-Qorti għalhekk tqis illi m'għandhiex tagħmel użu minn din l-istqarrija u lanqas minn dik ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li rreferiet għal dak li qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu għaliex kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Ma' dan il-Qorti żżid ukoll madankollu illi anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, kellha tieħu konjizzjoni ta' dak li qal l-imputat fl-istqarrija tiegħu u tas-sottomissjonijiet tad-difiża a propositu, ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet. Jibda biex jingħad illi minn imkien ma jirriżulta, lanqas mill-istqarrija tal-imputat, dak li tgħid id-difiża ossia illi flimkien, erba' żgħażagħ, fosthom Jurgen Cauchi u Shaunvic Felice marru jixtru r-raża tal-cannabis minn Ħaż-Żebbuġ. Anzi l-imputat jgħid illi ftehmu bejniethom kollha sabiex "*nixtri*" dak l-ammont ħalli jaqsmuh bejniethom u jgħid illi kien huwa li ċempel u nqeda mingħand il-fornitur tiegħu ġewwa Ħaż-Żebbuġ. F'dan ir-rigward fl-istqarrija tiegħu, l-imputat jitkellem fis-singular u jirreferi għalih personalment u ma jirreferix għal sħabu wkoll, għalkemm jgħid illi din kienet intiża għalih u għal sħabu. Effettivament jirriżulta wkoll illi Jurgen Cauchi rċievha r-raża tal-cannabis mingħand l-imputat odjern tliet ijiem qabel, għalkemm l-imputat jgħid illi xtraha xi ġimgħa qabel, u dan billi Cauchi ċempel lill-imputat odjern u dawn iltaqgħu ġewwa Ħal-Qormi fejn saret il-konsenja. Sħabu l-oħra, skont l-istess imputat, lanqas ma kienu għadhom irċevew sehemhom minn din ir-raża.

Fi kwalunkwe każ fil-fehma tal-Qorti u anke fuq skorta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) vs *Omissis*** deċiża fid-19 ta' Novembru 2015, dawn iċ-ċirkostanzi ma jammontawx għal traffikar *by sharing* jew għal xi kunċett ieħor li mhux traffikar fit-termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta*:*

"*Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-trafficking by sharing, fejn allura hija prevista piena aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta'l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:*

***"Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għalmin qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li fil-każ ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.***

***Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li d-droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' sharing u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta' sharing, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur."***[14]

*Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'mohhu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess*

[14] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006.

*aggravat. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 120A(7) hemm ipprovdut testwalment illi:*

*"**Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i): Kap. 446.***

***Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn</u>, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:***

***Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.**"*

*Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "the offender intended to consume the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.*

*Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine u emmnuta mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija:*

*"Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u ghal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba."*

*Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat*

*sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet* ***Il-Pulizija v. Russell Bugeja*** *u* ***Il-Pulizija v. Marco Galea****, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*

*Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni.*"

Illi għalhekk m'hemmx dubju illi fil-każ odjern, l-imputat illi skont hu, akkwista d-droga għalih u għal sħabu aġixxa ta' mandant għall-istess sħabu billi mar jixtrilhom id-droga u fil-każ ta' Jurgen Cauchi, provdihielu wkoll bil-prezz ta' €25. Kif jirriżulta ċar minn dan il-bran appena ċitat, meta allura l-imputat xtara d-droga bl-intiża *a priori* li jgħaddi parti minnha lil sħabu u dan versu l-ħlas għal dak is-sehem, ma kien hemm l-ebda traffikar *by sharing* iżda sempliċiment traffikar. Dan apparti illi minn dak li jgħid Cauchi, lanqas ma kien hemm l-element tal-komunanza għaliex Cauchi kellu d-droga fil-pussess tiegħu meta nqabad mill-pulizija, liema droga kien akkwistaha mingħand l-imputat tliet ijiem qabel.

Fi kwalunkwe każ u għar-raġunijiet fuq indikati, il-Qorti mhijiex tqis l-istqarrija tal-imputat sabiex tasal għas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar fir-raża tal-cannabis. Fil-fatt tqis illi tista' tasal sabiex issib tali ħtija, fil-grad rikjest mil-liġi, a bażi biss tax-xhieda ta' Jurgen Cauchi, li wara kollox kien

dejjem konsistenti fil-verżjoni tiegħu sa mill-bidu tal-arrest tiegħu u li quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, reġa' għal darb'oħra kkonferma illi huwa kien akkwista r-raża in kwistjoni mingħand l-imputat odjern.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi għalkemm il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-sustanza li kienet fil-pussess ta' Cauchi, li allura baqgħet ma ġietx analizzata, biss mix-xhieda tal-istess Cauchi, jirriżulta wkoll illi huwa kien ilu juża l-cannabis għal dawk l-aħħar tliet snin u li għalhekk ma kienx xi novizz f'dak li kellu x'jaqsam mad-droga. In oltre Cauchi jgħid li kien xtara r-raża li kellu fil-pussess tiegħu tliet ijiem qabel u tenut kont tal-fatt illi fil-pakkett tas-sigaretti kellu wkoll *joint* apparti illi jgħid ukoll illi dakinhar ma riedx juża mir-raża tiegħu sabiex isservih sakemm jaqbad il-paga, wieħed jista' jikkonkludi illi huwa diġa` kien għamel użu minn dik ir-raża. B'dan għalhekk illi m'għandux ikun hemm dubju illi s-sustanza in kwistjoni kienet verament dak li kien qed jgħid hu u ċioe` raża tal-cannabis.

Madankollu, in kwantu l-aggravju tad-distanza li huwa wkoll ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tqisx illi dan ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Cauchi jgħid biss illi huwa u l-imputat kienet ftiehmu u ltaqgħu Ħal-Qormi xi tliet ijiem qabel l-arrest tagħhom, iżda ma jgħidx f'liema parti ta' Ħal-Qormi kienu għamlu dan. Għalhekk, dan l-aggravju ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat.

Għaldaqstant, fil-waqt illi tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata in kwantu t-traffikar tar-raża tal-cannabis u dan b'referenza mhux għat-2 ta' Diċembru 2008, iżda għax-xhur ta' qabel din id-data, ai termini tal-imputazzjoni odjerna, tqis ukoll mill-banda l-oħra illi l-aggravju tad-distanza ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat imbagħad ġie akkużat ukoll talli kellu l-pussess aggravat tar-raża tal-cannabis. Kif ingħad iżjed 'il fuq, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat ma tirriżulta l-ebda prova illi fil-pussess tiegħu l-imputat kellu r-raża tal-cannabis fil-jum in kwistjoni. Dan ifisser, fil-fehma tal-Qorti, illi r-reat ta' pussess aggravat jista' jirriżulta biss in kwantu Jurgen Cauchi jgħid illi tliet ijiem qabel, l-imputat kien provdih bid-droga li nstabet fil-pussess tal-istess Cauchi u għalhekk in kwantu din id-droga, l-imputat neċessarjament kellu l-pussess aggravat tal-istess stante illi din ma kinitx intiża għall-użu tiegħu.

Għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni biss b'referenza għar-raża tal-cannabis li huwa għadda lil Cauchi. Fi kwalunkwe każ, f'dan ir-

rigward il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 in kwantu l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano fil-21 ta' Novembru 2007.

F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet kopja formali ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano tal-21 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs Stephen Stellini, Shaunvic Camilleri'. Għalkemm kunjom l-imputat f'dak il-każ huwa differenti minn dak tal-imputat odjern, biss il-Qorti tinnota illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-każ u tal-imputat odjern huma identiċi, kif inhuma wkoll identiċi l-bqija tal-konnotati l-oħrajn. Għalhekk din il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz ta' dik is-sentenza, l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446. Huwa evidenti għalhekk illi r-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati permezz tas-sentenza ta' llum ġew kommessi minnu fil-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation*.

F'dan ir-rigward, fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża tgħid illi din diġa` ġiet imsarrfa u dan fis-sens illi l-Qorti diġa` trattat mal-imputat dwar ir-reat mertu ta' dik is-sentenza u li konsegwentement, din il-Qorti ma tistax terġa' titratta miegħu dwar dak ir-reat. Dwar dan irid jingħad illi apparti illi kien jispetta lid-difiża li ġġib prova f'dan ir-rigward u dan a bażi tal-prinċipju illi min jallega jrid jipprova, il-Qorti fliet bir-reqqa l-fedina penali aġġornata tal-imputat u ma rriżultalhiex illi dan kien il-każ. Għaldaqstant ser titratta mal-imputat dwar ir-reat mertu ta' dik is-sentenza.

Jirriżulta minn dik is-sentenza illi l-imputat kien oriġinarjament akkużat bir-reati ta' assoċjazzjoni bil-għan li jagħmel delitt ai termini tal-Artikolu 48A tal-Kap. 9, serq aggravat bil-valur ai termini tal-Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap. 9 u riċettazzjoni. Wara li l-Proskeuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni u l-Qorti għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha u wara li l-Qorti kkunsidrat it-tielet imputazzjoni bħala alternattiva, sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni ta' serq aggravat u qegħditu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien sentejn. Il-Qorti għalhekk ser titratta mal-imputat dwar ir-reat ta' serq aggravat ai termini tal-Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) kif indikat fl-istess sentenza. Għal fini ta' piena dwar dan ir-reat, qed tqis illi l-imputat kellu sittax-il sena fiż-żmien ta' dak il-każ u qed tnaqqas il-piena b'żewġ gradi.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-imputat, mil-liema jirriżulta illi apparti li l-imputat instab ħati tas-serq aggravat mertu tas-sentenza fuq imsemmija, instab ħati wkoll ta' diversi reati taħt il-Kap. 65 diversi drabi, kif ukoll ħsara involontarja fi tliet okkażjonijiet, ksur tal-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, sewqan mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni fi tliet okkażjonijiet, pussess 'sempliċi' tal-pjanta cannabis, talli involontarjament kkaġuna feriti ta' natura gravi, ta' reati kontravvenzjonali, talli kkawża ferita ta' natura ħafifa f'żewġ okkażjonijiet, *ragion fattasi,* talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata u ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, talli kiser il-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' Protezzjoni, ta' fastidju f'żewġ okkażjonijiet u biża' li tintuża vjolenza u tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9. Dwar dawn l-imputat ingħata Ordni ta' *Probation,* pieni pekunjarji, liberazzjoni kundizzjonata, sentenza ta' priġunerija sospiża tliet darbiet, waħda mil-liema sentenzi sussegwentement iddaħħlet fis-seħħ u sentenza ta' priġunerija effettiva. Jirriżulta għalhekk illi minn dakinhar tal-każ odjern l-imputat xellef diffrejh mal-ġustizzja diversi drabi oħrajn. Anzi fil-maġġor parti tagħhom dawn ir-reati seħħew proprju wara l-każ mertu ta' dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll in oltre mill-banda l-waħda n-natura serja tar-reat li tiegħu qed jinstab ħati l-imputat u min-naħa l-oħra, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u li d-droga li nstabet fil-pussess ta' Jurgen Cauchi kienet f'ammont minimu.

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda ta' CO 16 David Mellors tad-9 ta' Mejju 2018, li jgħid illi waqt illi l-imputat kien qed jiskonta sentenza ta' priġunerija, huwa daħal ġewwa l-*Prisoners Inmates Programme* fi ħdan l-Aġenzija Caritas u illi għaxar kampjuni tal-urina li tteħdulu bejn Ġunju 2017 u April 2018 irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal sustanzi illeċiti.[15] Skont Noel Cassar, in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, l-imputat daħal fl-imsemmi programm fit-30 ta' April 2018.[16]

Il-Qorti qed tqis ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2008, iżda huwa bil-wisq evidenti mill-atti proċesswali illi d-dewmien kien dovut esklussivament għal raġunijiet imputabbli lill-imputat.

---

[15] Ara a fol. 78 sa 84 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 85 sa 87 tal-proċess.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla l-aggravju tad-distanza u qed tilliberah minn dan l-aggravju, iżda qed issibu ħati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tar-raża tal-cannabis u tat-tieni imputazzjoni (b'dan illi kif ingħad iżjed 'il fuq, qed issib ħtija dwar dawn iż-żewġ imputazzjonijiet mhux fir-rigward tat-2 ta' Diċembru 2008, iżda dwar ix-xhur ta' qabel din id-data), kif ukoll tat-tielet imputazzjoni u qed tikkundannah fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet għall-piena ta' <u>sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' sitt mitt ewro (€600)</u> li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġjiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

In oltre fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446, qed titratta mal-ħati dwar ir-reat li tiegħu kien instab ħati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintanto tal-21 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs Stephen Stellini, Shaunvic Camilleri' daqs li kieku għadu kemm instab ħati dwar l-istess reat minn jew quddiem din il-Qorti u fil-waqt li għal kull buon fini tikkonferma tali ħtija, wara li rat l-Artikoli 17(b), 37, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ, qed tikkundannah għall-<u>piena ta' tliet (3) xhur priġunerija effettiva</u>.

Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut nominat f'dawn il-proċeduri u dan stante li ma nstabitx ħtija fl-imputat in kwantu s-sustanza analizzata mill-istess espert.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument JB1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi ma tirriżultax il-prova illi s-somma ta' ħmistax-il ewro (€15) misjuba fil-pussess tal-ħati kienet ġejja propjru mid-droga, tordna r-rilaxx tal-istess ossia tad-Dokument JB3, favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat